




Kitba ta' Emmanuel Zammit

**Restawratur**

# Il-Pittur Tusè Busuttil

Dan li sejjer ngħid f'dan l-artiklu dwar il-pittur Żejtuni Tusè Busuttil, sirt nafu minn fommu stess, li għalkemm bejni u bejnu kien hemm qabża kbira fl-età konna ħbieb kbar. Hu kien is-surmast u jien l-istudent. Nista' ngħid bi pjaċir tiegħi li tgħallimt minjiera ta' tagħlim u pariri siewja li swewli ħafna aktar 'l quddiem fil-karriera tiegħi ta restawratur.



Tusè Busuttil biswit il-Planċier Artistiku tal-Għaqda Banda Żejtun




Pittura ta' Tusè Busuttil

Il-pittur Tusè Busuttil twieled iż-Żejtun fit-3 ta' Jannar 1912 iben Giovanni u Marija xebba Caruana. Kellu erba' ħutu oħra u l-ġibda lejn il-pittura minn età żgħira ġiegħlet lil missieru jħarreġ lil ibnu f'dan il-qasam artistiku, u jafdah taħt it-tagħlim ta' Mastru Manuel Xuereb surmast tad-disinn mill-Birgu. Taħt Xuereb it-tfajjel Tusè tħarreġ sew fid-disinn dekorattiv tant li mill-ewwel wera x'kien se isarraf f'dan il-qasam.

Minn taħt idejn is-surmast Manuel Xuereb Tusè għadda taħt idejn il-Pittur Żebbugi Lazzru Pisani li dik il-ħabta kien qed jaħdem il-pittura tal-volta (is-saqaf tal-Knisja Parrokkjali tan-Nadur Għawdex) għen lil Pisani fi twaħħil u l-irtokk tal-pittura ġo l-istess Knisja. Tusè dejjem kien isemmili din l-esperjenza. Minn taħt idejn Lazzru Pisani, Tusè tgħallem ħafna u ħafna tant li dejjem qies lil Pisani bħala wieħed mill-aqwa surmastrijiet tiegħu. Wara dan il-perjodu ż-żagħżugħ Tusè Busuttil għadda biex jibda l-istudji tiegħu ġewwa Ruma.

F'Ruma Tusè studja f''Accademia delle Belle Arte' u l-akkademja Ingliża fejn iltaqa' mal-artist ċelebri Malti Antonio Sciortino. Sciortino induna bit-talenti artistiċi li kien jipposedi Tusè u żammu bħala wieħed mill-aħjar studenti li kellu. F'Ruma Tusè studja l-arti figurattiva u hawn kiseb bosta unuri tant li bosta professuri Taljani bħal Battaglia, Corumaldi u Galinberti tawh marki sbieħ għax-xogħlijiet tiegħu. Fiż-żmien li Tusè kien Ruma faqqet il-gwerra u għalhekk wara erba' snin f'Ruma Tusè ħaseb biex jirritorna Malta mal-istudenti l-oħra Maltin li kienu jistudjaw hemm.

Lura Malta, issa li kien fetaħ l-istudji tiegħu Tusè beda jaħseb għall-futur artistiku tiegħu. Mimli entużjażmu għax-xogħol beda jaħdem fuq it-teknika tal-akwarell (watercolours) xogħol li mill-bidu nett tiegħu ġablu suċċess. Tusè kien jirrakontali kemm kien ipinġi xeni marittimi u ta' pajsaġġi li hu kien ikun ikkumissjonat għalihom anke min nies barranin b'mod speċjali Ingliżi. Fosthom nies prominenti bħal Lady Bonham Carter il-mara tal-gvernatur. Anke Maltin xtaqu li jakkwistaw xi biċċa mix-xogħol tiegħu fosthom il-Prim Imħallef Sir Arturo Merċieċa, L-Imħallef Camilleri u tant oħrajn. Tusè kien ukoll ritrattista tajjeb ħafna.

F'dan il-perjodu Tusè impenja ruħu bħala restawratur tal-pittura maċ-ċivil u hawn beda jġib esperjenza wara l-oħra. Esperjenza li dejjem kien isemmi hi x-xogħol kbir ta' restawr li kien involut fih fejn kienu ġew salvati l-affreski tal-palazz presidenzjali ġewwa l-Belt. Fis-snin tal-gwerra fiż-żmien meta skont kliemu stess anke l-karta kienet skarsa tant li affresk biex jikkosolidaw il-kulur ġew miksija bil-karti tal-biljetti tal-lottu. Fil-qasam tar-restawr Tusè wera ħila u abbilità kbira tant li bosta drabi l-intervent f'waqthom mir-restawraturi ta' qabel kellhom ikunu biex stajna nsalvaw u ngawdu dak li għandna llum.

L-ewwel xogħol tiegħu f'dik li hi pittura ġewwa



Kurċifiss fil-knisja ta' San Girgor Sliema



Il-Firma ta' Tusè Busuttil



Madonna tal-Karmnu



Portrait – Kollezjoni privata



San Franġisk Saverju



San Ġużepp



Studju Figurattiv

knejjes hemm il-pittura tas-saqaf tal-Knisja tas-Sannat ġewwa Għawdex. Ħadem dan ix-xogħol meta kellu 23 sena. Pinġa sett ta' nkwatri fis-saqaf jirrappreżentaw il-ħajja u l-martirju ta' Santa Margerita flimkien ma' sett ta' figuri ta' nisa verġni u martri għal bejn it-twieqi tal-istess knisja.

Minn xogħol għal ieħor. Il-karriera artistika tiegħu kompliet billi ġie kkumissjonat mill-Arċisqof Monsinjur Mawro Caruana biex ipinġi l-kurċifiss għal fuq l-artal maġġur għall-Knisja ta' San Girgor ġewwa ta' Sliema. Xogħol li fi kliem Tusè stess kien jikkunsidrah wieħed mill-isbaħ xogħlijiet li ħadem issa kien imiss lil raħal twelidu iż-Żejtun. Hawn Tusè beda biex pinġa l-koppla maestuża li żżejjen it-tempju tagħna wara dan kompla fejn ġie kkumissjonat ipinġi l-volta kollha tal-knisja b'xeni mill-ħajja tal-patruna tagħna Sta. Katarina V.M. Fejn kien jidħol xogħol fil-knisja taż-Żejtun Tusè kien jirrakuntali ħaġa b'ħaġa kif saret, li impossibli li niktibha kollha.

Minn knisja għal oħra parrokkjali beda jaħdem ukoll f'kappelli kunventi eċċ. Insibu x-xogħlijiet tiegħu f'Marsaxlokk, Ħal Għaxaq, Ta' Sliema, Ħaż-Żabbar u tant oħra. Imma jekk beda bil-pittura fil-knejjes tagħna xejn anqas ma rridu ninsew insemmu x-xogħol li Tusè Busuttil ħadem fil-qasam tad-dekorazzjoni.

Bħala dekorazzjoni tas-swali bħal dik li tinsab fil-Berġa ta' Aragona u dik li tinsab fil-Forti Sant'Anġlu fil-Birgu Dan barra d-dekorazzjoni u d-disinn li ħarġu mil-lapes tiegħu, disinji ta bradelli ventartali, tabernakli trieħi u tant ħwejjeġ oħra li ħarġu mill-idejn artistiċi tiegħu. Waħda mill-opri li Tusè baqa' magħruf għalih hi l-bradella tal-vara titulari ta' Sant Elena ta' Birkirkara li ġiet esegwita fuq id-disinn tiegħu u li għaliha kien rebaħ konkors Nazzjonali.

Forsi il-pittur Tusè Busuttil issiġilla il-ħila artistika tiegħu billi fir-raħal tagħna ħallielna żewġ opri kbar il-planċieri artistiċi taż-żewġ każini mużikali tagħna. Għall-Banda Beland, minn id Tusè ħareġ id-disinn tad-dekorazzjoni flimkien mal-iskultura tal-planċier artistiku.

Għall-Banda Żejtun wara li l-imgħallem żejtuni ieħor Manwel Caruana ħa ħsieb l-istruttura tal-planċier artistiku, Tusè ingħata l-inkarigu biex jesegwixxi d-disinn tad-dekorazzjoni tiegħu. Illum il-paletta bil-kuluri bil-pinzell jistrieħ fuqa m'għadiex tiġi maqbuda, għax il-pittur tagħna telaqha waħedha tistrieħ bħalma straħ hu nhar is-6 ta' Jannar 1994. Tusè Busuttil ħallielna wirt artistiku kbir. Hu ħabb lil raħal twelidu u onorah bil-ħila artistika tiegħu. Aħna wlied dan ir-raħal nwiegħdu li ngħożżu u napprezaw dak li ħallewlna ta' qabilna għal ġieħ ir-raħal tagħna iż-Żejtun.